# Abbonament għal-lista ta’ distribuzzjoni bil-posta elettronika tagħna // Kunsens għall-ipproċessar ta’ data personali

Fuq talba tiegħek, inti attwalment tinsab irreġistrat fil-lista ta’ distribuzzjoni tagħna.

Id-data personali kollha li tinsab f’din il-lista hija amministrata mid-Diviżjoni Stampa u Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont ir-Regolament 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data. Il-kontrollur ta’ din id-data huwa l-Kap tad-Diviżjoni Stampa u Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (L-2925 il-Lussemburgu, Tel. +352 4303 2035).

Din id-data personali tinżamm għall-finijiet tal-ġestjoni amministrattiva u teknika tal-lista ta’ distribuzzjoni (u tinkludi forom oħra ta’ kuntatt mal-persuni fuq il-lista, jekk meħtieġ), f’database, li l-aċċess dirett għaliha huwa limitat għall-membri tad-Diviżjoni Stampa u Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Tista’ f’kull żmien tirtira dan il-kunsens, mingħajr ma tikkomprometti l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens mogħti qabel dan l-irtirar, u għalhekk titlob li twaqqaf l-abbonament tiegħek għal-lista ta’ distribuzzjoni billi tikteb lill-indirizz elettroniku segwenti: Presseinfo-EN@curia.europa.eu (it-talbiet jistgħu jintbagħtu wkoll lill-indirizz elettroniku tas-sezzjoni lingwistika li kkuntattjajt meta rreġistrajt). Il-waqfien tal-abbonament tiegħek iwassal għat-tħassir tad-data li tikkonċernak mingħajr dewmien żejjed (fil-każijiet previsti fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament). Kull tħassir tad-data personali tiegħek jiġi kkomunikat lilek.

Tista’ wkoll f’kull żmien tikkuntattjana fil-każ li għandek mistoqsijiet dwar l-ipproċessar tad-data tiegħek.

Tista’ wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: Kuntatt / DataProtectionOfficer@Curia.europa.eu.